MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2010

Numru. 758/2002

**Il-Pulizija**
**[Supt Alexandra Mamo]**

**vs**

**Michael Sultana**

**Kumpilazzoni Numru 758/2002**

**Il-Qorti**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Michael Sultana ta’ 26 sena, iben Angelo u Giovanna nee Ciantar, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ April 1975, residenti Villa Difesa, Triq Santa Clara, Bahar ic-Caghaq detentur tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 232575M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fuq il-monti tal-Belt Valletta sitwat fi Triq il-Merkanti, nhar it-30 ta' Marzu 2002, ghall-habta tal-11.30a.m.

a) xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal-hsieb ta' kummerc, merkanzija b' marka, sinjal jew emblema imxebbhin b' qerq u cioe numru ta' CD's u oggetti ohra foloz, dan bi ksur ta'l-artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) talli bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor irripproduca jew ikkopja, jew biegh qassam jew mod iehor offra ghal-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur ta'l-artikolu 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk gejt topera minghajr licenzja ai termini ta'l-Avviz Legali 120/92.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tirrevoka l-licenzja ta' hawker f'isem Michael Sultana.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f' kaz ta' htija, tikkundanna lil Michael Sultana ghal-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ai termini ta' l-artikoli 298(1)(f) u 298B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum 1 ta' Marzu 2010 meta l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni u kkonferma

din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-ewwel imputazzjoni; din ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi l-prosekuzzjoni ta' reati ai termini ta'l-artikolu 298B tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offieza pero mill-atti ma jirrizultax li hemm jew saret xi kwerela ghalhekk it-tieni imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi l-piena stabbilita ghar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat hija dik ta' prigunerija minn erba' xhur sa sena. F'dan ir-rigward il-Qorti pero ma tistax tinjora l-fatt li l-imputat issa ilu xi snin ma' jahdimx bhala hawker ghaliex biddel ix-xoghol tieghu u m'ghadux jinnegozja fic-CD's; in oltre jidher li issa l-imputat gharaf jirriabilita ruhu tant li l-ahhar reat li tieghu instab hati gie kommess fis-sena 2005. Fattur iehor relevanti huwa in-numru ta' CD's in kwistjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 u tikkundanna lill-imputat ghal multa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll in-natura tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati kif ukoll il-fedina penali ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikolu 298(1)(f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-ewwel imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tikkundannah ghal multa ta' hames mitt Euro (€500). In oltre l-imputat qed jigi ikkundannat ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti is-somma ta' mija erbgha u sittin Euro u sitt centezmi

(€164.06) rapprezentanti l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta'esperti.

In oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska u d-distruzzjoni a karigu tar-Registratur ta' din l-Qorti ta'l-oggetti esebieti Dok AM1 u AM2.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------